# Niftakru
## f'ħutna li ħallewna



| | |
|---|---|
| 15/09/2006 | Anthony Camilleri |
| 11/01/2007 | Pawla Sammut |
| 02/04/2007 | Charlie Cutajar |
| 12/05/2007 | Ġanni Vella |
| 22/07/2007 | Karmnu Grech |

*Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.*

# Nifirħu

- Lill-Għaqda Mużikali Imperial li din is-sena ġieta onorata b'*Ġieħ il-Mellieħa* mill-Kunsill Lokali.
- Lil dawk kollha li ġew onorati *b'Ġieħ il-Mellieħa* u *b'Rikonoxximent il-Mellieħa* mill-Kunsill Lokali.
- Lis-Soċjetà Filarmonika La Vittoria f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha u li din is-sena ġiet ukoll onorata b'*Ġieħ il-Mellieħa* mill-Kunsill Lokali.
- Lit-tim tal-futbol tal-Mellieħa Sports Club tal-promozzjoni għall-ewwel diviżjoni fil-kampjonat ta' l-M.F.A.
- Lit-tim tal-Basketball rebbieħa tal-kampjonat tat-tieni diviżjoni.
- Lil Dun Mose' Debono ta' l-onorefiċenza li ngħata mill-Papa Benedettu XVI bħala *Cappellano Di Sua Santità* u t-titlu ta' Monsinjur.
- Lil Steve Fenech, bandist u membru tal-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial li flimkien mal-partner tiegħu Mandy Ghigo kisbu riżultati eċċellenti f'kompetizzjonijiet taż-żfin fl-Olanda u fir-Russja.
- Lit-tim tat-*Tug of War* ta' l-Għaqda Mużikali Imperial rebbieħ tal-kompetizzjoni bejn l-Għaqdiet Melleħin waqt il-Festival Sportiv organizzat mill-Mellieħa Sports Club.
- Lil Alex Borg li f'Diċembru 2006 ġie onorat b'*Ġieħ ir-Repubblika* mill-istat Malti għall-isem li għamel lil pajjiżna fil-logħba ta' l-isnooker.
- Lil Gail Mifsud studenta fl-iskola Maria Bambina tal-Mellieħa li ngħatat il-premju għat-tjubija 'Gwanni XXIII' mill-Laboratorju tal-Paċi talli f'dawn l-aħħar erba' snin għenet u għadha tgħin lil Deborah Cilia, tifla bi bżonnijiet speċjali.
- Lil Philip Vella kompożitur tal-kanzunetta "Vertigo", ir-rebbieħa tal-festival *Malta Song for Europe*.
- Lil Kurt Attard li flimkien ma' Yanika Gauci rebħu t-tieni post f'kompetizjoni organizata mill-*Malta Dance and Dance Sports Council.*
- Lil Mattei Curmi li ġie fl-ewwel post u ngħata wkoll il-premju 'Best Performance' fil-festival '*Kantanti tal-Futur*'. Prosit ukoll lis-Sinjorina Maria Grima l-awtriċi tal-kanzunetta *'Holma ta' Tfajjel'* kantata mill-istess Mattei Curmi.
- Lil Tara Darmanin rebbieħa ta' l-ewwel post f'kompetizzjoni ta' l-Arti.